SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla komposta minn ħames Imħallfin)

22 ta' April 2026 *

"Kompetizzjoni – Akkordju – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Settur tax-xorb enerġetiku – Spezzjoni ordnata mill-Kummissjoni – Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni – Rifjut tal-Kummissjoni li tirrimborsa parti mill-ispejjeż li rriżultaw minn din l-ispezzjoni – Kunċett ta' 'spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mis-sempliċi fatt tat-tkomplija ta' spezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni'

Fil-Kawża T-682/24,

Red Bull GmbH, stabbilita f'Fuschl am See (l-Awstrija),

Red Bull Franza SASU, stabbilita f'Pariġi (Franza),

Red Bull Nederland BV, stabbilita f'Soesterberg (il-Pajjiżi l-Baxxi),

irrappreżentati minn H. Wollmann, F. Urlesberger, J. Schindler, F. Dethmers u A. Visontai-Knor, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn T. Franchoo, M. Jakobs u I. Naglis, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla komposta minn ħames Imħallfin),

komposta minn E. Buttigieg, President tal-Awla, J. Schwarcz, M. Kancheva (Relatriċi), E. Tichy-Fisslberger u F. Bestagno, Imħallfin,

Reġistratur: S. Jund, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tal-20 ta' Jannar 2026,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Red Bull GmbH u s-sussidjarji tagħha Red Bull France SASU u Red Bull Nederland BV, jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Ottubru 2024 (Każ AT.40819), li permezz tagħha din tal-aħħar irrifjutat parzjalment ir-rimbors tal-ispejjeż addizzjonali li huma jqisu li ġarrbu minħabba t-tkomplija ta' spezzjoni ordnata abbażi tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell (il-Belġju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 RED Bull France SASU u Red Bull Nederland BV huma sussidjarji ta' Red Bull GmbH. Dawn it-tliet kumpanniji jagħmlu parti mill-grupp Red Bull (iktar 'il quddiem "Red Bull") u jeżerċitaw l-attività tagħhom fis-settur tal-produzzjoni ta' xorb enerġetiku li huma jikkummerċjalizzaw fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) b'mod partikolari taħt it-trade mark bl-istess isem ta' dan il-grupp.

L-ispezzjoni kkontestata

3 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ordnat, abbażi tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, spezzjoni li seħħet mill-20 sal-24 ta' Marzu 2023 fil-bini tar-rikorrenti f'Fuschl am See (l-Awstrija), f'Pariġi (Franza) u f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi).

4 Waqt il-laqgħa tal-għeluq tal-ispezzjoni fil-bini tar-rikorrenti, li nżammet fl-24 ta' Marzu 2023 f'Fuschl am See, il-Kummissjoni informat lir-rappreżentanti ta' Red Bull bit-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tagħha fi Brussell, sabiex twettaq l-eżami tad-dokumenti kkopjati u tad-data addizzjonali li kellha tiġi pprovduta sussegwentement mir-rikorrenti.

5 L-ispezzjoni kompliet fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell mill-14 sal-20 ta' Ġunju 2023 u mid-29 ta' Awwissu sad-29 ta' Settembru 2023.

Korrispondenza bejn il-partijiet qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

6 Permezz ta' ittra tal-25 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti bil-possibbiltà li jippreżentaw talba motivata għar-rimbors tal-ispejjeż addizzjonali kkawżati mit-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell. Ma' din l-ittra kien hemm anness dokument intitolat "Prinċipji ta' rimbors tal-ispejjeż addizzjonali fil-każ ta' spezzjoni mkomplija fil-bini tal-Kummissjoni".

7 Fil-25 ta' April 2024, ir-rikorrenti ppreżentaw lill-Kummissjoni talba għar-rimbors tal-ispejjeż addizzjonali li rriżultaw mit-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell. Permezz ta' din it-talba, ir-rikorrenti talbu r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-impjegati tagħhom u tal-avukati tagħhom preżenti fi Brussell, tal-allowances ta' kuljum

imħallsa lil dawn l-impjegati, kif ukoll tal-onorarji kollha tal-avukati tagħhom, inklużi dawk iffatturati minn uffiċċju ieħor, li ġie maħtur addizzjonalment għall-uffiċċju Awstrijak li kien normalment jirrappreżentahom.

8 Sussegwentement kien hemm skambju kunsiderevoli ta' korrispondenza bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni sal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Id-deċiżjoni kkontestata

9 Fit-23 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

10 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qabel kollox fakkret il-pożizzjoni tagħha, billi għamlet riferiment għal uħud mill-ittri preċedenti tagħha, jiġifieri li hija kienet obbligata tirrimborsa biss l-ispejjeż addizzjonali sostnuti mill-impriża spezzjonata minħabba s-sempliċi fatt tat-tkomplija ta' spezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, bl-esklużjoni għalhekk tal-ispejjeż li kienu jiġu sostnuti fi kwalunkwe każ li kieku l-ispezzjoni kompliet fil-bini ta' din l-impriża, bħall-onorarji tal-avukat. Il-Kummissjoni kompliet tesponi li din il-pożizzjoni kienet tikkorrispondi għall-approċċ li jirriżulta mis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571, punt 90).

11 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari tal-onorarji tal-avukat, il-Kummissjoni fakkret, filwaqt li għamlet riferiment għal uħud mill-ittri preċedenti tagħha, li, waqt l-ispezzjoni ta' Marzu 2023 fil-bini tagħha, Red Bull kienet kontinwament użat l-assistenza ta' avukati, b'tali mod li l-ispejjeż tal-avukat sostnuti fil-kuntest tat-tkomplija tal-ispezzjoni fi Brussell ma kellhomx jitqiesu bħala spejjeż addizzjonali rimborsabbli. Il-Kummissjoni indikat ukoll li, f'uħud mill-ittri tagħhom, ir-rikorrenti stess kienu ammettew li, li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom, huma kienu jikkuntattjaw lil avukati. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tirrimborsax l-onorarji tal-avukat mitluba minn Red Bull.

12 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż l-oħra, il-Kummissjoni indikat li hija aċċettat li tirrimborsa l-ispejjeż kollha mitluba billi bbażat ruħha fuq l-ammonti kkomunikati minn Red Bull fit-tabella Excel annessa ma' waħda mill-ittri preċedenti tagħha.

It-talbiet tal-partijiet

13 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż mitluba;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

14 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

15 Qabel kollox, għandu jiġi eżaminat it-tieni kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż mitluba mir-rikorrenti, u, sussegwentement, l-ewwel kap tat-talbiet, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Fuq it-tieni kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata għar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż mitluba mir-rikorrenti

16 Permezz tat-tieni kap tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors sħiħ tal-ispejjeż li huma jitolbu.

17 Għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li tali talba hija intiża, essenzjalment, sabiex il-Qorti Ġenerali toħroġ ordni kontra l-Kummissjoni, li permezz tagħha din tal-aħħar tiġi obbligata tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha mitluba minn dawn tal-aħħar.

18 Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex toħroġ ordnijiet kontra l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, D & A Pharma vs Il-Kummissjoni u EMA, C-291/22 P, EU:C:2024:228, punt 160 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Konsegwentement, it-tieni kap tat-talbiet għandu jiġi miċħud minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

Fuq l-ewwel kap tat-talbiet, intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata

20 Insostenn tat-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti jqajmu erba' motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq in-natura illegali tar-rifjut tal-Kummissjoni li tirrimborsa b'mod sħiħ l-ispejjeż li huma talbu, minħabba n-natura allegatament sproporzjonata tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, it-tieni wieħed, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, it-tielet wieħed, fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" li jirriżultaw mit-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell fis-sens tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), u fuq żball fl-evalwazzjoni tal-fatti li wasslu għar-rifjut tar-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat u, ir-raba' wieħed, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom.

21 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, fid-deċiżjoni kkontestata, għalkemm il-Kummissjoni rrifjutat li tirrimborsa lir-rikorrenti l-onorarji tal-avukat mitluba, hija madankollu aċċettat li tħallas l-ispejjeż l-oħra kollha li r-rimbors tagħhom kien mitlub fit-tabella Excel ikkomunikata minn Red Bull, jiġifieri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-impjegati u tal-avukati preżenti fi Brussell, kif ukoll l-allowances ta' kuljum li dan il-grupp kellu jħallas lil dawn l-impjegati (ara l-punt 12 iktar 'il fuq) Minn dan isegwi li d-deċiżjoni kkontestata hija, minn tal-inqas parzjalment, favorevoli għar-rikorrenti.

22 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn din tal-aħħar ikollha interess li l-att ikkontestat jiġi annullat. Tali interess jippreżupponi li l-annullament ta' dan l-att jista' jkollu, minnu nnifsu, konsegwenzi ġuridiċi u li r-rikors għalhekk jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu. L-interess ġuridiku

jikkostitwixxi għalhekk il-kundizzjoni essenzjali u ewlenija ta' kull azzjoni ġudizzjarja (ara s-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Shindler *et* vs Il-Kunsill, C-501/21 P, EU:C:2023:480, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Meta ġew mistoqsijin, waqt is-seduta, dwar l-interess ġuridiku tagħhom fir-rigward tal-ewwel kap tat-talbiet, ir-rikorrenti, għall-ewwel, affermaw, essenzjalment, li l-imsemmi kap tat-talbiet kellu jiġi interpretat fis-sens li huma kienu qegħdin jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata biss sa fejn il-Kummissjoni kienet irrifjutat li tirrimborsahom l-onorarji tal-avukat mitluba iżda, sussegwentement, irrettifikaw din l-affermazzjoni billi ppreċiżaw li huma kienu qegħdin jitolbu, għall-kuntrarju, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fit-totalità tagħha, inkluż sa fejn il-Kummissjoni kienet aċċettat li tirrimborsahom l-ispejjeż kollha mitluba għajr l-onorarji tal-avukat.

24 Fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li għandha tqajjem *ex officio* l-kwistjoni tal-eżistenza tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti, f'dak li jirrigwarda t-talba tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fit-totalità tagħha. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni aċċettat li tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha mitluba għajn l-onorarji tal-avukat (ara l-punt 21 iktar 'il fuq), ma jistax jiġġenera, favurihom, benefiċċju li jista' jservi ta' bażi għal interess ġuridiku fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 22 iktar 'il fuq.

25 Minn dan isegwi li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Kummissjoni aċċettat li tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha mitluba għajr l-onorarji tal-avukat.

26 F'dak li jirrigwarda l-kumplament tal-ewwel kap tat-talbiet, il-Qorti Ġenerali ser teżamina, qabel kollox, ir-raba' motiv invokat mir-rikorrenti, sussegwentement, it-tieni motiv u, fl-aħħar nett, l-ewwel u t-tielet motivi.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża

27 Ir-rikorrenti jqajmu tliet ilmenti insostenn tar-raba' motiv.

28 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li impriża hija libera li torganizza hija stess id-difiża tagħha. Huma jfakkru li mill-Artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 jirriżulta li kull akkużat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess. Minn dan ir-rikorrenti jiddeduċu li ma hijiex il-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi dwar dak li impriża għandha jew ma għandiex bżonn għad-difiża tagħha. Huma jallegaw li kien minħabba t-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell li huma kellhom jaħtru lit-tieni uffiċċju ta' avukati. Skont ir-rikorrenti, bl-adozzjoni ta' kunċett strett tal-obbligu tagħha li tirrimborsa l-ispejjeż addizzjonali, il-Kummissjoni tiddetermina n-natura u l-portata tar-riżorsi ta' difiża li għandhom jintgħażlu mill-impriża kkonċernata. Billi rrifjutat li tirrimborsalhom l-onorarji tal-avukat iġġenerati minħabba t-tkomplija tal-ispezzjoni fi Brussell, il-Kummissjoni għalhekk illimitat il-libertà tagħhom li jagħżlu r-riżorsi ta' difiża li huma jqisu neċessarji u xierqa.

29 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-"dritt baġitarju tal-Unjoni Ewropea" ma huwiex applikabbli għalihom, b'tali mod li l-Kummissjoni ma setgħetx tagħmel riferiment għalih sabiex tiddetermina n-natura raġonevoli tal-ispejjeż tad-difiża li tagħhom huma kienu qegħdin jitolbu r-rimbors.

30 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jilmentaw dwar l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' rekwiżiti allegatament sproporzjonati fil-produzzjoni tal-prova f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali sostnuti minħabba t-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini ta' din tal-aħħar fi Brussell. Fil-fatt, sabiex tipprova li erba' impjegati ta' Red Bull preżenti fi Brussell waqt it-tkomplija tal-ispezzjoni, iżda li ma kinux marru fil-bini tal-Kummissjoni, kienu effettivament ipparteċipaw għaliha, din l-istituzzjoni kienet eżiġiet li tirċievi dikjarazzjonijiet fuq l-unur, li fihom dawn il-persuni kellhom jikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom fl-ispezzjoni. Fid-dawl tal-konsegwenzi kriminali li jista' jkun hemm fil-każ ta' dikjarazzjonijiet kuntrarji għall-verità, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni talli eżiġiet livell ta' prova daqstant għoli.

31 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u ssostni li l-ewwel ilment ma huwiex fondat, it-tieni lment huwa ineffettiv u t-tielet ilment huwa ineffettiv u inammissibbli.

32 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-allegat ksur tal-libertà tar-rikorrenti li jagħżlu r-riżorsi ta' difiża tagħhom, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, effettivament, dawn tal-aħħar bl-ebda mod ma ġew preklużi milli jorganizzaw liberament id-difiża tagħhom waqt it-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell.

33 Fil-fatt, mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura jirriżulta li dawn tal-aħħar għażlu li jkunu assistiti, fi Brussell, minn avukat tal-uffiċċju Awstrijak li normalment jagħtihom assistenza, li kienet diġà preżenti waqt l-ispezzjoni fil-bini tar-rikorrenti f'Fuschl am See, minn avukat wieħed jew iktar tat-tieni uffiċċju, skont il-perijodu inkwistjoni, u, f'ċerti jiem, minn diversi mill-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, huma bl-ebda mod ma kienu mġiegħla jaħtru lit-tieni uffiċċju tal-avukati sabiex jirrappreżentahom waqt it-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell. Fil-fatt, kienu r-rikorrenti nfushom li ddeċidew li jaħtru lil dan l-uffiċċju, għal raġunijiet li huma speċifiċi għalihom.

34 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq jirriżulta li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, dawn tal-aħħar setgħu liberament jorganizzaw id-difiża tagħhom mingħajr indħil min-naħa tal-Kummissjoni f'tali organizzazzjoni, u dan huwa biżżejjed sabiex l-ewwel ilment tar-raba' motiv jiġi miċħud bħala infondat.

35 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegata applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, mill-Kummissjoni, tad-"dritt baġitarju tal-Unjoni", għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li, għalkemm fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għall-"ispejjeż tad-difiża" li huma sostnew, dan l-ilment ma jirrigwardax, fir-realtà, l-onorarji tal-avukat li r-rimbors tagħhom ġie rrifjutat fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, mill-korrispondenza bejn il-partijiet, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, prodotta mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura, jirriżulta li, għalkemm il-Kummissjoni għamlet riferiment għad-"dritt baġitarju tal-Unjoni", jew saħansitra applikatu, dan huwa biss fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-allowances b'rata fissa li r-rimbors tagħhom ġie aċċettat, iżda mhux fir-rigward tal-onorarji tal-avukat.

36 Minn dan isegwi li dan l-ilment huwa, essenzjalment, dirett kontra d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din taċċetta li tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha mitluba għajr l-onorarji tal-avukat, b'tali mod li huwa inammissibbli, għar-raġunijiet esposti fil-punti 21 sa 25 iktar 'il fuq.

37 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-allegata impożizzjoni mill-Kummissjoni fuq ir-rikorrenti ta' rekwiżiti sproporzjonati fil-produzzjoni tal-prova f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ispejjeż sostnuti, għandu qabel kollox jiġi kkonstatat li lanqas dan l-ilment ma jirrigwarda l-onorarji tal-avukat, li r-rimbors tagħhom ġie rrifjutat fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, id-dikjarazzjonijiet fuq l-unur allegatament meħtieġa mill-Kummissjoni ġew prodotti sabiex jiġi pprovat li erba' impjegati ta' Red Bull, mhux preżenti fil-bini ta' din l-istituzzjoni, kienu jinsabu fi Brussell għall-finijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-tkomplija tal-ispezzjoni u, għaldaqstant, sabiex l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-allowances b'rata fissa sostnuti mir-rikorrenti f'dan ir-rigward ikunu jistgħu jiġu rrimborsati.

38 Minn dan isegwi li dan l-ilment huwa dirett kontra d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din taċċetta li tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż kollha mitluba għajr l-onorarji tal-avukat, b'tali mod li huwa inammissibbli, għar-raġunijiet esposti fil-punti 21 sa 25 iktar 'il fuq.

39 Fi kwalunkwe każ, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura jirriżulta li kienu l-istess rikorrenti li pproponew lill-Kummissjoni li jipproduċu d-dikjarazzjonijiet kontenzjużi. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni talli imponitilhom rekwiżiti sproporzjonati fil-produzzjoni tal-prova. Barra minn hekk, il-Kummissjoni lanqas ma tista' tiġi kkritikata talli rrifjutat li tirrimborsa, abbażi ta' sempliċi fatturi, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni tal-erba' impjegati ta' Red Bull li ma ppreżentawx ruħhom fil-bini tagħha u talli eżiġiet provi addizzjonali li l-preżenza tagħhom fi Brussell kienet tabilħaqq dovuta għat-tkomplija tal-ispezzjoni u dan il-fatt ma jikkostitwixxix rekwiżit ta' prova sproporzjonat, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti. Minn dan isegwi li dan l-ilment ma huwiex, fi kwalunkwe każ, fondat.

40 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment inammissibbli.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

41 Insostenn tat-tieni motiv tagħhom, ibbażat fuq ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, żewġ ilmenti.

42 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni talli għamlet riferiment, fid-deċiżjoni kkontestata, għall-korrispondenza skambjata magħhom qabel l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Skont ir-rikorrenti, il-kunsiderazzjonijiet kollha li wasslu sabiex il-Kummissjoni tiċħad parzjalment it-talba tagħhom għal rimbors kellhom jiġu esposti b'mod ċar fit-test stess tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex huma jkunu jistgħu jifhmu r-raġunijiet li fuqhom huma msejjsa l-konklużjonijiet tagħha u sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Peress li, fil-fehma tagħhom, dan ma huwiex il-każ, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE.

43 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li x-xenarju alternattiv użat mill-Kummissjoni bħala paragun għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali rimborsabbli, li fil-kuntest tiegħu din tal-aħħar telqet mill-ipoteżi li r-rikorrenti kienu jużaw is-servizzi ta' avukati b'mod kontinwu li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom minflok fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, la jinftiehem u lanqas ma jikkostitwixxix motivazzjoni suffiċjenti. Sabiex tistabbilixxi dan ix-xenarju alternattiv,

il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sentenza magħżula b'mod selettiv f'ittra tar-rikorrenti, li fiha dawn tal-aħħar kienu indikaw li, li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom, huma kienu jużaw is-servizzi ta' avukati biss f'ċirkustanzi speċifiċi.

44 Ir-rikorrenti jkomplu jesponu li x-xenarju alternattiv użat mill-Kummissjoni ma huwiex preċiż. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet li għalihom hija għażlitu minn fost id-diversi xenarju alternattiv possibbli u hija ma ddefinixxitux b'mod suffiċjenti. Il-Kummissjoni lanqas ma ppreċiżat il-modalitajiet tat-tkomplija ta' tali spezzjoni, jiġifieri t-tul tagħha, in-numru ta' uffiċjali assenjati jew il-ħinijiet tax-xogħol segwiti. Fl-assenza ta' tali indikazzjonijiet, il-Kummissjoni ma tistax tkun ċerta li użat ix-xenarju alternattiv "ġust" sabiex tikkalkola l-ispejjeż addizzjonali rimborsabbli u ma tistax tikkontesta x-xenarju alternattiv magħżul mir-rikorrenti sabiex jiddeterminaw l-ispejjeż li huma sostnew. Fi kwalunkwe każ, skont ir-rikorrenti, ix-xenarju alternattiv użat mill-Kummissjoni huwa biss ipotetiku. Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li l-Kummissjoni għażlet l-iktar xenarju alternattiv vantaġġuż għaliha.

45 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

46 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni awtriċi tal-att b'mod li jippermetti li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u li l-qorti kompetenti twettaq l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat abbażi taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tar-raġunijiet invokati u tal-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minn dan l-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tagħha, iżda wkoll f'dak tal-kuntest tagħha u tar-regoli kollha tad-dritt li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2025, Neos vs Ryanair u l-Kummissjoni, C-490/23 P, EU:C:2025:32, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għandu jitfakkar ukoll li l-obbligu li d-deċiżjonijiet ikun mmotivati jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din taqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż (sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink' s France, C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 67, u tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-310/99, EU:C:2002:143, punt 48). Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom tkun ibbażata din id-deċiżjoni. Jekk dawn il-motivi jkunu vvizzjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità sostantiva tad-deċiżjoni, iżda mhux il-motivazzjoni tagħha, li tista' tkun suffiċjenti filwaqt li jkunu espressi motivi żbaljati (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 181).

48 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, permezz ta' dan l-att, il-Kummissjoni tat deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrenti intiża għar-rimbors tal-ispejjeż addizzjonali li huma sostnew minħabba t-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell.

49 B'mod iktar partikolari, għandu jiġi kkonstatat li, fil-parti introduttiva tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tfakkar il-prassi tagħha li, kif diġà esponiet fil-korrispondenza li hija kienet preċedentement skambjat mar-rikorrenti, hija tirrimborsa l-ispejjeż addizzjonali sostnuti mill-impriża spezzjonata li jirriżultaw mis-sempliċi fatt tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini

tagħha. Fiha l-Kummissjoni tispjega wkoll li hija għalhekk ma tirrimborsax l-ispejjeż li tali impriża kienet f'kull każ iġġarrab li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħha stess u tippreċiża li hija tqis li dan huwa l-każ tal-onorarji tal-avukat.

50 Filwaqt li tapplika dawn il-prinċipji għat-talba għal rimbors imressqa mir-rikorrenti, il-Kummissjoni tispjega sussegwentement, fil-punt 1 tad-deċiżjoni kkontestata, intitolat "[S]pejjeż tal-avukat", li hija ddeċidiet li ma tirrimborsax l-onorarji tal-avukat li r-rimbors sħiħ tagħhom kien mitlub minn Red Bull għaż-żewġ raġunijiet li ġejjin: fl-ewwel lok, peress li Red Bull kien assistit kontinwament minn avukati matul l-ispezzjoni mwettqa fil-bini tiegħu f'Marzu 2023, b'tali mod li l-ispejjeż tal-avukat ma kinux spejjeż addizzjonali imputabbli għat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell u, fit-tieni lok, peress li Red Bull kien ammetta, fil-korrispondenza preċedenti tiegħu, li, li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħha, huwa kien juża s-servizzi ta' avukati.

51 F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż l-oħra, il-Kummissjoni tindika, fil-punt 2 tad-deċiżjoni kkontestata, intitolat "[S]pejjeż oħra", li hija taċċetta li tirrimborsa l-ispejjeż mitluba mir-rikorrenti, kif miftiehem fil-korrispondenza skambjata ma' dawn tal-aħħar.

52 Id-deċiżjoni kkontestata tinkludi finalment, fil-punt 3, intitolat "[S]unt", tabella sommarja tad-diversi spejjeż li r-rimbors tagħhom intalab mir-rikorrenti, li tindika ħdejn kull waħda mill-erba' partiti ta' spejjeż, jiġifieri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-allowances ta' kuljum u l-ispejjeż tal-avukat, l-ammont li l-Kummissjoni taċċetta li tirrimborsa.

53 Minn dan isegwi li d-deċiżjoni kkontestata turi b'mod ċar, fid-dettall u inekwivoku r-raġunament tal-Kummissjoni b'mod li jippermetti li r-rikorrenti jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 46 iktar 'il fuq, b'tali mod li hija suffiċjentement motivata u għalhekk konformi mar-rekwiżiti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE.

54 Barra minn hekk, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li minn dan ir-rikors jirriżulta li r-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li jikkontestaw il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, u b'mod iktar partikolari r-rifjut li jiġu rrimborsati lilhom l-ispejjeż kollha tal-avukat mitluba, li juri li, anki jekk ma jaqblux magħhom, huma setgħu jifhmu l-motivi li fuqhom huma bbażati l-konklużjonijiet adottati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

55 Ebda argument ieħor invokat mir-rikorrenti ma jista' jikkontesta n-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

56 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-ilment ibbażat fuq riferimenti li l-Kummissjoni għamlet, fid-deċiżjoni kkontestata, għall-korrispondenza preċedenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-kunsiderazzjonijiet kollha li wasslu lill-Kummissjoni sabiex tiċħad parzjalment it-talba tagħhom għal rimbors huma esposti b'mod ċar fit-test innifsu tad-deċiżjoni kkontestata, hekk kif jirriżulta mill-punti 49 u 50 iktar 'il fuq.

57 Barra minn hekk, il-korrispondenza skambjata mar-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi l-kuntest li minnu din tifforma parti. Konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 46 iktar 'il fuq, din tista' tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni osservatx, f'dan il-każ, l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

58 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni talli għamlet riferiment, fid-deċiżjoni kkontestata, għall-korrispondenza preċedenti skambjata magħhom.

59 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-ilment ibbażat fuq in-natura allegatament inkomprensibbli u mhux motivata biżżejjed tax-xenarju alternattiv użat mill-Kummissjoni bħala paragun għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali rimborsabbli, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dan ix-xenarju alternattiv huwa deskritt bħala li jikkorrispondi għall-ipoteżi li fiha l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tar-rikorrenti.

60 Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tispjega li hija ddeċidiet li tirrimborsa lir-rikorrenti l-ispejjeż li rriżultaw mis-sempliċi fatt tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tagħha fi Brussell, bl-esklużjoni tal-ispejjeż li huma kienu fi kwalunkwe każ isostnu li kieku l-ispezzjoni kompliet fil-bini tagħhom stess. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-avukat, il-Kummissjoni tippreċiża li dawn ma jikkostitwixxux tali spejjeż addizzjonali, peress li, fi kwalunkwe każ, dawn kienu jiġu sostnuti anki li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tar-rikorrenti.

61 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, dan ix-xenarju alternattiv huwa deskritt fid-deċiżjoni kkontestata b'mod suffiċjentement komprensibbli u mmotivat.

62 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li tali xenarju alternattiv huwa, mid-definizzjoni tiegħu stess, ipotetiku, punt li r-rikorrenti nnifishom jirrikonoxxu, peress li, fir-realtà, l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell. Konsegwentement, ma jistax ikun rikjest li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-xenarju alternattiv "ġust" jew li hija tagħti iktar dettalji konkreti fir-rigward tiegħu fid-deċiżjoni kkontestata.

63 Fl-aħħar nett, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li l-kwistjoni dwar liema huwa l-iktar xenarju alternattiv plawżibbli jew l-iktar "ġust" hija waħda li taqa' taħt il-mertu tad-deċiżjoni kkontestata u għalhekk hija ineffettiva fil-kuntest ta' motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 47 iktar 'il fuq. Konsegwentement, l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li juru li huma setgħu jiżguraw kompletament internament il-monitoraġġ tal-ispezzjoni li kieku din tkompliet fil-bini tagħhom jew li x-xenarju alternattivi użat mill-Kummissjoni huwa żbaljat jew huwa l-iktar vantaġġuż għal din l-istituzzjoni huma, peress li jikkonċernaw il-mertu tad-deċiżjoni kkontestata, u mhux il-motivazzjoni tagħha, ineffettivi fil-kuntest ta' dan il-motiv.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi adottata l-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, skont l-Artikolu 89(3)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, mitluba mir-rikorrenti.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq in-natura illegali tar-rifjut ta' rimbors tal-ispejjeż addizzjonali minħabba n-natura sproporzjonata tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell

65 Ir-rikorrenti jsostnu li, billi ddeċidiet li tkompli l-ispezzjoni fil-bini tagħha fi Brussell, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità sanċit fl-Artikolu 5(4) TUE. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, it-tkomplija tal-ispezzjoni fi Brussell la kkontribwixxiet għall-effikaċja tal-ispezzjoni u lanqas ma ppermettiet li jiġi evitat indħil eċċessiv fil-funzjonament ta' Red Bull. Barra minn hekk, tali tkomplija kienet ta' tul eċċessiv u saret neċessarja biss minħabba l-fatt li l-Kummissjoni talbet data f'pakketti kompleti, mingħajr ebda eżami minn qabel tar-rilevanza tagħha u mingħajr issortjar minn qabel, għal volum totali sproporzjonat ta' 16.6 terabytes. Skont ir-rikorrenti,

it-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell kienet sproporzjonata fiha nnifisha u ġġenerat l-ispejjeż għoljin li tagħhom huma jitolbu r-rimbors. Minn dan ir-rikorrenti jiddeduċu li r-rifjut tal-Kummissjoni li tirrimborsa l-ispejjeż kollha mitluba huwa, minħabba f'hekk, illegali.

66 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti u teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-ewwel motiv.

67 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, fejn huwa paċifiku li, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tingħażel l-inqas waħda vinkolanti, u li l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (sentenzi tat-8 ta' Marzu 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-339/04, EU:T:2007:80, punt 117, u tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 22).

68 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti żviluppati mir-rikorrenti insostenn tal-ewwel motiv tagħhom huma diretti kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-ispezzjoni fil-bini tagħha, u mhux kontra d-deċiżjoni kkontestata fil-kuntest ta' din il-proċedura.

69 Għalhekk, għalkemm ir-rikorrenti jilmentaw dwar in-natura, fil-fehma tagħhom, sproporzjonata tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, huma bl-ebda mod ma jispjegaw kif id-deċiżjoni kkontestata nnifisha hija sproporzjonata. Fi kliem ieħor, minkejja li l-ewwel motiv huwa bbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, l-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma humiex intiżi li juru li d-deċiżjoni kkontestata tmur lil hinn mil-limiti ta' dak li kien xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-adozzjoni tagħha, jiġifieri d-determinazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mis-sempliċi fatt tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, li r-rimbors tagħhom minn din tal-aħħar huwa, minħabba f'hekk, iġġustifikat.

70 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-ammissibbiltà tiegħu, eċċepita mill-Kummissjoni, jew li tiġi adottata, skont l-Artikolu 89(3)(d) tar-Regoli tal-Proċedura, il-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura mitluba mir-rikorrenti.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" fis-sens tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P), u fuq żball ta' evalwazzjoni

71 It-tielet motiv huwa bbażat, essenzjalment, fuq żball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Kummissjoni fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" fis-sens tal-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), u fuq żball ta' evalwazzjoni li wassal sabiex din l-istituzzjoni tirrifjuta r-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat mitluba mir-rikorrenti.

72 F'dak li jirrigwarda l-allegat żball ta' liġi, ir-rikorrenti jsostnu li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li skontha l-onorarji tal-avukat ma jikkostitwixxux, bħala prinċipju, "spejjeż addizzjonali" fis-sens tal-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni

(C-606/18 P, EU:C:2020:571), minħabba li dawn kienu jiġu esposti anki li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tar-rikorrenti, hija infondata. Tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" hija restrittiva wisq u tmur kontra s-sentenza msemmija iktar 'il fuq.

73 F'dak li jirrigwarda l-allegat żball ta' evalwazzjoni, ir-rikorrenti jispjegaw li t-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni ġġenerat diffikultajiet kunsiderevoli għalihom, peress li huma ma għandhomx stabbiliment fi Brussell u peress li ma setgħux jibagħtu l-persunal ewlieni tagħhom hemmhekk għal perijodu twil. Fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet, ir-rikorrenti kienu mġiegħla jaħtru uffiċċju tal-avukati addizzjonali li kellu uffiċċju fuq il-post, minbarra l-uffiċċju Awstrijak li normalment jassistihom. L-użu ta' dawn l-avukati addizzjonali ġġenera spejjeż addizzjonali li setgħu jiġu evitati li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tar-rikorrenti, peress li, f'dak il-każ, tali spezzjoni ma kinitx iddum għal żmien daqstant twil. Skont ir-rikorrenti, l-onorarji ffatturati minn dawn l-avukati jikkostitwixxu għalhekk, fl-intier tagħhom, "spejjeż addizzjonali".

74 Ir-rikorrenti jallegaw, effettivament, li, li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom, huma kien ikollhom, sabiex jiżguraw il-monitoraġġ tagħha, il-persunal multilingwi neċessarju, suffiċjentement imħarreġ fuq il-livell ġuridiku, li huma, min-naħa l-oħra, ma setgħux jimmobilizzaw fi Brussell. Dan il-persunal seta' jiġi assenjat għall-ispezzjoni skont sistema ta' rotazzjoni, b'tali mod li r-rikorrenti setgħu jiżguraw kompletament internament il-monitoraġġ tal-ispezzjoni u li huma ma kienx iktar ikollhom bżonn jużaw is-servizzi ta' avukati ħlief f'ċirkustanzi speċifiċi.

75 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jesponu wkoll, sussidjarjament, li, jekk l-argument tagħhom ma jiġix milqugħ, għandu fi kwalunkwe każ jitqies li l-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-ħatra tat-tieni uffiċċju tal-avukati jikkostitwixxu "spejjeż addizzjonali", peress li dan ma kienx jiġi rreklutat li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom.

76 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

77 F'dan ir-rigward, mis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571) jirriżulta li l-possibbiltà li l-Kummissjoni għandha sabiex tkompli l-eżami tagħha tal-kotba u tad-dokumenti professjonali l-oħra ta' impriża, abbażi tal-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament Nru 1/2003, fil-bini tagħha fi Brussell hija suġġetta għall-konstatazzjoni li tali tkomplija ma twassal għal ebda ksur tad-drittijiet tad-difiża u ma tikkostitwixxix preġudizzju addizzjonali għad-drittijiet tal-impriżi kkonċernati, meta mqabbel ma' dak li huwa inerenti fit-twettiq ta' spezzjoni fil-bini ta' dawn l-impriżi. Issa, tali preġudizzju għandu jiġi kkonstatat jekk it-tkomplija ta' dan l-eżami fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell tkun tinvolvi, għall-impriża li tkun is-suġġett tal-ispezzjoni, spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sempliċi fatt ta' din it-tkomplija. Minn dan isegwi li, meta din it-tkomplija tista' tagħti lok għal tali spejjeż supplimentari, il-Kummissjoni tista' twettaqha biss bil-kundizzjoni li hija taċċetta li tirrimborsa dawn l-ispejjeż meta l-impriża kkonċernata tressaq quddiemha talba debitament motivata f'dan is-sens.

78 F'dan il-każ, il-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk, billi rrifjutat li tirrimborsa lir-rikorrenti t-totalità tal-onorarji tal-avukat sostnuti minn dawn tal-aħħar għas-servizzi mwettqa b'rabta mal-ispezzjoni mkomplija fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, il-Kummissjoni wettqitx żball ta' liġi jew żball ta' evalwazzjoni, kif isostnu r-rikorrenti.

79 Fir-rigward tal-allegat żball ta' liġi, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata moqrija fid-dawl tal-korrispondenza preċedenti skambjata mar-rikorrenti, interpretat il-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" fis-sens tal-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), bħala li ma tinkludix, bħala prinċipju, l-onorarji tal-avukat marbuta mat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tagħha, peress li dawn huma, fil-fehma tagħha, spejjeż li l-impriża kkonċernata kien ikollha fi kwalunkwe każ iġġarrab li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħha.

80 F'dan ir-rigward, mill-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571). (ara l-punt 77 iktar 'il fuq), jirriżulta li żewġ kriterji għandhom jiġu ssodisfatti sabiex ċerti spejjeż ikunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala "spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mis-sempliċi fatt [tat-tkomplija ta' spezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell]".

81 L-ewwel nett, għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk l-ispejjeż li r-rimbors tagħhom huwa mitlub mir-rikorrenti jistgħux jiġu kklassifikati bħala "addizzjonali" fid-dawl ta' dik il-ġurisprudenza.

82 Mill-użu tal-aġġettiv "addizzjonali" għandu jiġi dedott li l-ispejjeż inkwistjoni huma dawk li jikkostitwixxu xi ħaġa iktar meta mqabbel mal-punt ta' riferiment preċedenti, ċirkostanzjali u fattwali, jiġifieri l-ispezzjoni kif saret fil-bini tal-impriża kkonċernata. Konsegwentement, dawn għandhom ikunu spejjeż li jiżdiedu ma' dawk sostnuti f'sitwazzjoni ta' spezzjoni fil-bini tal-impriża kkonċernata.

83 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, li kieku l-intenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet li tagħmel riferiment għall-ispejjeż kollha sostnuti mill-impriża li l-Kummissjoni għandha tirrimborsa minħabba d-deċiżjoni li titkompla l-ispezzjoni fil-bini tagħha, hija ma kinitx tuża, fil-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), l-aġġettiv "addizzjonali", li jippreżupponi li dawn huma spejjeż differenti minn dawk li l-impriża kienet issostni li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħha.

84 Għandu jiġi osservat ukoll li l-aġġettiv "addizzjonali", użat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma jeħtieġx li jintwera sproporzjon jew eċċess tal-ispejjeż sostnuti, iżda biss in-natura addizzjonali ta' tali spejjeż meta mqabbla ma' dawk li kienu jiġu sostnuti li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tal-impriża kkonċernata.

85 It-tieni nett, għandu jiġi vverifikat jekk l-ispejjeż li għalihom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu r-rimbors jistgħux jiġu kklassifikati bħala "li rriżultaw mis-sempliċi fatt" tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, dejjem fis-sens tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571).

86 Mill-użu tal-espressjoni "li rriżultaw mis-sempliċi fatt" użata fil-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), għandu jiġi dedott li hija meħtieġa rabta kawżali esklużiva bejn, minn naħa, l-ispejjeż imsemmija u, min-naħa l-oħra, it-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, fatt li barra minn hekk huwa rrikonoxxut mir-rikorrenti fir-replika tagħhom.

87 Minn dan isegwi li l-ispejjeż imsemmija huma dawk sostnuti biss minħabba t-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, bil-konsegwenza li l-ispejjeż li, fi kwalunkwe każ, kienu jiġu sostnuti li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tal-impriża kkonċernata huma esklużi.

88 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-onorarji tal-avukat, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li huma biss l-onorarji "addizzjonali", li ma kinux jiġu sostnuti f'sitwazzjoni ta' spezzjoni fil-bini tal-impriża kkonċernata u esklużivament marbuta mat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "spejjeż addizzjonali" fis-sens tal-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571).

89 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-għażla li jsir użu mis-servizzi ta' avukati waqt spezzjoni mwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, taqa' taħt l-istrateġija ta' difiża tal-impriża kkonċernata, peress li l-imsemmija dispożizzjoni ma timponilhiex li tiġi assistita minn avukati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Koninklijke Wegenbouw Stevin vs Il-Kummissjoni, T-357/06, EU:T:2012:488, punt 226). Minn dan isegwi li jekk l-impriża kkonċernata tiddeċiedi li taħtar avukati sabiex jassistuha matul tali spezzjoni, il-fatt li din titkompla fil-bini tal-Kummissjoni ma jbiddel xejn fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-onorarji tal-avukat. Fil-fatt, għal tali impriża li kienet iddeċidiet li tiġi assistita minn avukati waqt tali spezzjoni, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tkompliha fil-bini tagħha, l-onorarji tal-avukat marbuta ma' din it-tkomplija ma jikkostitwixxux, ġeneralment, spejjeż addizzjonali, peress li s-servizzi li għandhom jitwettqu mill-avukati huma bħala prinċipju l-istess, indipendentement mill-post tal-ispezzjoni. Peress li dawn is-servizzi kienu jiġu pprovduti wkoll li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tal-impriża kkonċernata, l-onorarji tal-avukat relatati ma għandhomx, bħala prinċipju, rabta kawżali esklużiva mat-tkomplija ta' din l-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni.

90 F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti għażlu li jiġu assistiti minn avukati waqt l-ispezzjoni mwettqa fil-bini tagħhom, ma huwiex stabbilit li teżisti rabta kawżali esklużiva bejn it-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell u l-onorarji tal-avukati li assistewhom matul din l-ispezzjoni.

91 Konsegwentement, fid-dawl tal-istrateġija ta' difiża implimentata mir-rikorrenti, l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" bħala li jeskludi, bħala prinċipju, l-onorarji tal-avukat iffatturati għas-servizzi mwettqa fil-kuntest tat-tkomplija ta' spezzjoni fil-bini tagħha, peress li dawn kienu jiġu sostnuti anki li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tar-rikorrenti, la hija infondata u lanqas ma tmur kontra s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti.

92 Barra minn hekk, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat tal-kunċett ta' "spejjeż addizzjonali" lanqas ma hija restrittiva, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571).

93 Fil-fatt, mid-deċiżjoni kkontestata, moqrija fid-dawl tal-korrispondenza skambjata mar-rikorrenti, jirriżulta li l-Kummissjoni ma teskludix kategorikament li ċerti onorarji tal-avukat jistgħu jitqiesu bħala "spejjeż addizzjonali". Il-Kummissjoni teżiġi sempliċement li l-impriża kkonċernata turi li s-servizzi ta' avukat li ġġeneraw l-onorarji u li tagħhom hija titlob ir-rimbors ma jkunux jiġu pprovduti li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini ta' din l-impriża, li bl-ebda mod ma huwa eċċessiv. Fil-fatt, mill-punt 90 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (C-606/18 P, EU:C:2020:571), jirriżulta li l-Kummissjoni tirrimborsa l-ispejjeż addizzjonali meta l-impriża kkonċernata tippreżentalha talba "debitament immotivata" f'dan is-sens.

94 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar ’il fuq jirriżulta li r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, għall-kunċett ta’ “spejjeż addizzjonali” kienet tikkostitwixxi żball ta’ liġi.

95 F’dak li jirrigwarda l-allegat żball ta’ evalwazzjoni, għandu qabel kollox jiġi osservat li mingħand il-Kummissjoni r-rikorrenti talbu biss, matul il-proċedura ta’ qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat esposti fil-kuntest tat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini ta’ din l-istituzzjoni, billi bbażaw ruħhom fuq ix-xenarju ta’ monitoraġġ kompletament intern tal-ispezzjoni li kieku din tkompliet fil-bini tagħhom, mill-persunal multilingwi tagħhom suffiċjentement imħarreġ fuq il-livell ġuridiku. Peress li, f’dan ix-xenarju, ebda onorarju ta’ avukat ma kien jiġi sostnut, skont ir-rikorrenti, bis-saħħa ta’ dan il-monitoraġġ kompletament intern, huma jsostnu li l-onorarji tal-avukat marbuta mat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell jikkostitwixxu, fl-intier tagħhom, “spejjeż addizzjonali”, li din għandha tirrimborsa.

96 F’dan ir-rigward, qabel kollox, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li x-xenarju ta’ monitoraġġ kompletament intern tal-ispezzjoni ma jikkorrispondix għall-kif żvolġiet l-ispezzjoni li għaliha kienu suġġetti r-rikorrenti f’Marzu 2023 fil-bini tagħhom stess, fejn, kemm f’Fuschl am See kif ukoll f’Amsterdam u f’Pariġi, huma kienu kontinwament assistiti minn avukati. F’dan il-kuntest, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma wrewx b’mod validu li, wara li ġew assistiti minn avukati matul il-perijodu kollu tal-ispezzjoni fil-bini tagħhom, huma kienu jkunu f’pożizzjoni li jorganizzaw ruħhom b’mod li jkunu jistgħu jiżguraw kompletament internament il-monitoraġġ tal-ispezzjoni li kieku din tkompliet fil-bini tagħhom.

97 Sussegwentement, filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li l-impjegati tagħhom kienu jkunu f’pożizzjoni li jiżguraw b’mod awtonomu l-monitoraġġ tal-ispezzjoni li kieku din tkompliet fil-bini tagħhom, huma bl-ebda mod ma jispjegaw ir-raġuni għalfejn huma ma użawx dawn l-impjegati sabiex jimmonitoraw effettivament l-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell, kemm jekk bi preżenza fiżika jew remotament, b’mod partikolari bl-applikazzjoni ta’ sistema ta’ rotazzjoni. Issa, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, minkejja li ċerti impjegati tar-rikorrenti kienu preżenti fi Brussell, dawn lanqas biss ma marru fil-bini tal-Kummissjoni. Dan il-fatt jikkonferma l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li monitoraġġ kompletament intern tal-ispezzjoni ma kienx plawżibbli, b’tali mod li r-rikorrenti kienu jitolbu l-preżenza ta’ avukati li kieku din l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom.

98 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat ukoll li r-rikorrenti nfushom ammettew diversi drabi, kemm fil-korrispondenza skambjata mal-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fil-kuntest ta’ din il-proċedura, li huma kienu jużaw, anki jekk biss f’ċirkustanzi speċifiċi, is-servizzi tal-avukati li kieku l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tagħhom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux, mingħajr ma jikkontradixxu ruħhom, jallegaw li huma kienu jiżguraw kompletament internament il-monitoraġġ tal-ispezzjoni, billi ma jużawx kompletament l-assistenza tal-avukati, li kieku din tkompliet fuq il-post.

99 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma wettqitx żball ta’ evalwazzjoni meta qieset, fid-deċiżjoni kkontestata moqrija fid-dawl tal-korrispondenza skambjata preċedentement mar-rikorrenti, li l-premessa tal-monitoraġġ kompletament intern tal-ispezzjoni, li kieku din tkompliet fil-bini tar-rikorrenti, li fuqha jibbażaw ruħhom dawn tal-aħħar sabiex jitolbu r-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat marbuta mat-tkomplija tal-ispezzjoni fil-bini tal-Kummissjoni, ma kinitx plawżibbli u meta ċaħditha. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni qatt ma allegat li l-livell ta’ assistenza minn avukati kien ikun tal-istess portata matul l-ispezzjoni kollha li kieku din

tkompliet fil-bini tar-rikorrenti. Il-Kummissjoni sempliċement ikkunsidrat, ġustament, li, f'dik is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti kienu jkomplu, minn tal-inqas sa ċertu punt, jużaw l-assistenza ta' avukati.

100 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument, ippreżentat sussidjarjament mir-rikorrenti, li jgħid li l-ispejjeż sostnuti minħabba l-ħatra tat-tieni uffiċċju tal-avukati għandhom, minn tal-inqas, jitqiesu bħala "spejjeż addizzjonali", għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, matul il-proċedura ta' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dawn tal-aħħar qatt ma pprovaw juru li kienu biss ċerti onorarji tal-avukat li kienu rimborsabbli u qatt ma talbu r-rimbors parzjali ta' tali onorarji. Dan, minkejja li l-Kummissjoni kienet talbithom espressament permezz ta' ittra, sabiex tevalwa jekk l-onorarji tal-avukat li r-rimbors tagħhom kien qiegħed jiġi mitlub setgħux jitqiesu parzjalment bħala "spejjeż addizzjonali", sabiex jipprovdu "deskrizzjoni sħiħa tal-onorarji tal-avukat, inklużi l-ismijiet tal-avukati, is-sigħat maħduma, ir-rata fis-siegħa applikabbli, deskrizzjoni tal-pariri pprovduta u motivazzjoni li tgħid li dawn il-pariri ġew ipprovduti biss għall-finijiet tat-tkomplija tal-ispezzjoni u mhux għal kull spezzjoni mwettqa fuq il-post". Ir-rikorrenti, li dejjem żammew il-pożizzjoni tagħhom intiża biss għar-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat mitluba, qatt ma pprovdew tali deskrizzjoni lill-Kummissjoni.

101 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli ma tatx lir-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, rimbors parzjali tal-onorarji tal-avukat tagħhom, bħal dawk sostnuti fil-kuntest tal-ħatra tat-tieni uffiċċju ta' avukat li għandu sede fi Brussell.

102 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, matul din il-proċedura, bi tweġiba għall-mistoqsijiet kemm bil-miktub kif ukoll orali tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti kkonfermaw espliċitament li huma kienu qegħdin jitolbu biss ir-rimbors sħiħ tal-onorarji tal-avukat mitluba mingħand il-Kummissjoni u ma setgħux jissodisfaw ruħhom minn rimbors parzjali tagħhom.

103 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar '='il fuq jirriżulta li l-argument invokat sussidjarjament mir-rikorrenti, li fil-kuntest tiegħu dawn tal-aħħar jallegaw li wħud mill-onorarji tal-avukat li huma sostnew għandhom, minn tal-inqas, jitqiesu bħala "spejjeż addizzjonali", għandu jitqies bħala infondat u jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-ammissibbiltà tiegħu, eċċepita mill-Kummissjoni.

104 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar il-fuq, it-tielet motiv u, konsegwentement, ir-rikors kollu kemm huwa, għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ispejjeż

105 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

Il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla komposta minn ħames Imħallfin)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) **Red Bull GmbH, Red Bull France SASU u Red Bull Nederland BV huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Buttigieg Schwarcz Kancheva

Tichy-Fisslberger Bestagno

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu fit-22 ta' April 2026.

Firem